Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,540, 18 ta' Novembru, 1997
Taqsima B

A.L. 189 ta' l-1997

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Statut li jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 11) ta' l-Università ta' Malta – Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 3, 33 u 48 (3) ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut li jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 11) ta' l-Università ta' Malta – Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet – u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma' l-istatut ta' l-Università ta' Malta mdaħħal fl-Iskeda II ta' l-Att dwar l-edukazzjoni (Kap. 327), hawn il-quddiem imsejjaħ "l-istatut prinċipali".

Emenda ta' l-istatut prinċipali

2. Is-sotto-paragrafu 1 tal-paragrafu 3.1 ta' l-istatut prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) taħt ir-ras *il-Fakultà ta' l-Inġinerija Mekkanika u Elettrika* u sewwasew taħt il-kliem "Bachelor of Engineering – B. Eng." għandhom jidħlu l-kliem "Diploma in Engineering – Dip.. Eng." u

(b) sewwasew taħt ir-ras *Il-Fakulta ta' l-Ekonomija, l-Management u l-Accountancy* għandhom jiġu mdaħħla l-kliem "Master of Business Administration – M.B.A.".